MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 105/2001/1

John u Josephine konjuġi Spiteri

vs

Popeye Investments Limited

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi l-atturi kienu l-proprejtarji ta' blokk flats bl-isem "Seaview" fi Triq Santa Maria, Marsalforn, limiti Żebbuġ, Għawdex, li jmiss mat-triq, minn nofs inhar ma' proprjeta' ta' Zarenu Calleja u mill-punent ma' proprjeta' ta' l-eredi ta' Mariana Mizzi;

Illi wħud minn dawn l-appartamenti inbiegħu lil terzi;

Illi s-soċjeta' konvenuta hija l-proprjetarja tal-flat internament magħruf bin-numru sitta (6) fit-tielet sular formanti parti mill-istess blokk minnu akkwistat permezz ta' kuntratt ta' l-għaxra (10) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija u sitta u disgħin (1996) fl-atti tan-Nutar Dottor Kristen Dimech;

Illi l-arja sovrapposta għal dan il-korp u kif ukoll il-btieħi tiegħu huma proprjeta' ta' l-atturi;

Illi l-awturi fit-titolu tal-konvenut kienu ffurmaw verandah għal fuq l-arja sovrapposta għall-bitħa li tinsab fuq in-naħa ta' wara ta' dan il-blokk;

Illi inoltre f'dawn l-aħħar snin is-soċjeta konvenuta għamlet diversi xogħlijiet bi preġudizzju għad-drittijiet ta' l-atturi u mingħajr il-kunsens u approvazzjoni tagħhom, u ċioe';

(i) kabbret tieqa li kienet tagħti minn wieħed mill-ambjenti fil-flat għal fuq bitħa laterali fl-istess blokk;

(ii) għamlet diversi pipes ta' l-ilma u drains għal fuq l-istess arja;

(iii) għamlet tank ta' l-ilma fuq il-bejt tal-blokk bl-aċċessorji relattivi;

(iv) għamlet ċilindru tal-gas fuq il-bejt bl-aċċessorji relattivi;

Illi l-atturi jridu li dawn ix-xogħlijiet kollha li saru abbużivament jintneħħew;

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet is-soċjeta' konvenuta naqset li tneħħi x-xogħlijiet imsemmija;

Talbu lis-soċjeta' konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-veranda flimkien max-xogħlijiet l-oħra kollha saru abbużivament u bi ksur tal-jeddijiet ta' l-atturi;

2. Tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss minn din l-Onorabbli Qorti hija tneħħi l-istess xogħlijiet fuq imsemmija u dan taħt is-superviżjoni ta' perit arkitett li jiġi maħtur għal dan il-għan minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas huma jipproċedu bl-istess xogħlijiet a spejjeż tal-konvenuti;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali spedita f'ġunju 2001.
Is-soċjeta' konvenuta mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed tiġi nġunta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta’ John Spiteri.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta’ konvenuta li biha eċċepiet illi:

1. Illi in linea preliminari, din iċ-ċitazzjoni hija totalment intempestiva w anke jekk għal grazzja tal-argument jirriżulta illi l-pretensjonijiet tal-atturi huma anke in parti ġustifikati, l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu sopportati interament mill-istess atturi. Dan minħabba l-fatt illi permezz ta' email indirizzat lill-avukat tal-atturi tat-12 ta' Novembru 2001 is-soċjeta' konvenuta kienet issottomettiet proposti għal transazzjoni komprensiva. Meta għaddes ġimgħat u l-avukat tas-soċjeta' kkomunika ma' dak tal-atturi dwar risposta għal tali proposti, ġie nfurmat - fil-preżenza ta' direttur tas-soċjeta' konvenuta – illi l-atturi għad iridu jaħsbuha dwar il-proposti, u illi kien ser jingħata risposta definittiva fi żmien qasir. Minflok tali risposta, l-atturi ipproċedew b'din iċ-ċitazzjoni. Ġaladarba kienu l-atturi illi għażlu t-triq tal-litigazzjoni, huwa sottomess illi fi kwalunkwe eżitu għal din il-kawża, l-

ispejjeż tagħha għandhom jiġu akkollati interament lill-istess atturi.

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tal-atturi rigward it-tank tal-ilma fuq il-bejt tal-blokk, u ċ-ċilindru tal-gass ġia jiffurkaw parti mill-meritu ta' kawża oħra bejn l-istess partijeit, Ċitaz. Nru. 161/97 fl-ismijiet SPITERI JOHN ET vs POPEYE INVESTMENTS LTD differita għas-17/05/02, u għalhekk għal dak illi jirrigwarda tali talbiet, l-esponenti qegħda teċċepixxi l-*lis alibi pendens.*

3. Illi l-atturi mhumiex korretti fil-pretensjoni tagħhom illi l-btieħi tal-blokk huma kollha proprjeta' tagħhom. Għal kuntrarju fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet 'Margaret Scicluna vs Emanuel Camilleri' (Kollezz. LXVII. iii. 40) ix-shaft ossia bitħa interna fil-livell tal-flat tal-esponenti għandu jiġi kunsidrat bħala parti integrali mill-proprjeta' tas-soċjeta' konvenuta. Għalhekk il-pipes tal-ilma u drains illi saru f'dak il-livell saru in konformita' mad-drittijiet leġittimi tal-istess soċjeta' konvenuta; u hekk ukoll it-tkabbir tat-tieqa f'dak il-livell ma jikkostitwixxix menomazzjoni jew preġudizzju tad-drittijiet tal-atturi. in kwantu imbagħad, parti mill-pipe tad-drenaġġ tinżel aktar 'l isfel mil-livell tal-art tal-flat proprjeta' tas-soċjeta' konvenuta, dan sar fuq pjan imfassal mill-atturi infushom tant illi fis-sular soprastanti dak tal-flat tas-soċjeta' konvenuta, l-atturi stess għandhom pipe tad-drenaġġ illi wkoll qiegħed aktar 'l isfel mil-livell tal-art tagħhom, u konsegwentement jekk b'daqshekk ġiet kreata xi servitu' din saret per *destinazione di bonus pater familias.*

4. Illi l-istess jingħad għall-verandah li hemm fuq in-naħa ta' wara tal-proprjeta' tas-soċjeta' konvenuta. Din tinsab fil-livell tal-flat tas-soċjeta' konvenuta, u saret u tfasslet fuq disinn illi sar mill-atturi stess, illi sija fis-sulari sottostante kif ukoll f'dawk soprastante għandhom verandi tal-istess għamla, daqs u sura bħal dik tal-eċċipjenti. Ma jirriżultax għalhekk illi l-istess verandah qegħda tikkostitwixxi xi preġudizzju jew menomazzjoni tad-drittijiet tal-atturi, anzi għal kuntrarju jirriżulta illi din saret bil-kunsens esprss tal-atturi, saret in

eżerċizzju leġittimu tad-drittijiet tal-awturi tal-konvenuta, u se mai tammonta għal servitu kreata *per destinazjonek di bonus pater familias.*

5. finalment, u interament mingħajr preġudizzju għal premess, rigward tali verandah, din ilha teżisti għal għexieren ta' snin u saret bil-kunsens tal-atturi stess, u a bażi tal-prinċipju enunċjat minn din il-Qorti fil-kawża 'Grech vs Ellis', illum l-atturi ma għandhomx il-fakolta' illi jitolbu r-rimozzjoni tagħha.

6. rigward it-tank tal-ilma u ċilindru tal-gass, l-esponenti tagħmel riferenza għall-eċċezzjonijiet u sottomissjonijiet kollha sollevati minnha fl-atti tal-kawża fuq ċitata.

7. salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess soċjeta’ konvenuta kkonfermata bil-ġurament ta’ Michael Attard.

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' April 2002 fejn innominat lill-A.I.C. Joseph Mizzi bħala perit tekniku f'din il-kawża.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit ippreżentata fit-23 ta' Jannar 2004 u minnu maħlufa fis-7 ta' Settembru 2007.

Rat in-noti ta’ l-Osservazzjonijiet rispettivi tal- kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-affidavits tal-kontendent, il-verbali tax-xhieda tagħhom u d-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tagħha ta' l-24 ta’ Mejju 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Permezz ta’ din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu li s-soċjeta' konvenuta tiġi ordnata tneħħi diversi xogħlijiet magħmula minnha, jew mill-predeċessuri tagħha fit-titolu, fil-blokk ta'

appartamenti li dak ta' l-istess soċjeta' jifforma parti minnu, u ċioe':

1. veranda li tagħti għal fuq il-bitħa li tinsab fuq in-naħa ta' wara a' dan il-blokk[1];

2. it-tkabbir ta' tieqa fil-flat tas-soċjeta' konvenuta[2];

3.it-tqeghid ta' diversi *pipes* ta' l-ilma u *drains* mal-ħitan li jagħtu għal fuq l-istess bitħa[3];

4. it-tqegħid ta' tank ta' l-ilma u ċilindru tal-gass fuq il-bejt ta' dan il-blokk ta' appartamenti[4].

L-atturi jikkontendu illi dawn ix-xogħlijiet kollha saru abużivament u bi ksur tad-drittijiet tagħhom.

Is-soċjeta' konvenuta qed tikkontesta dawn it-talbiet għal diversi raġunijiet. L-ewwelnett issostni illi l-kawża saret intempestivament għaliex kienu għaddejjin trattattivi bejn il-kontendenti fi sforz biex tinstab soluzzjoni bonarja, imma fil-kors ta' dawn it-trattattivi, l-konvenuti minflok ma ressqu l-kontro-proposti tagħhom, qabdu u pproċedew b'din il-kawża. Madankollu, kif sewwa qalu l-atturi fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom, ma kien hemm xejn xi jżommhom milli jipproċedu b'din il-kawża, ġialadarba s-soċjeta' konvenuta naqset milli tagħmel dak mitlub minnha fiż-żmien konċess fl-ittra uffiċjali mibgħuta minnhom. Għalhekk, kif tammetti l-istess soċjeta' konvenuta, din hija biss kwistjoni ta' min għandu jbati l-ispejjeż tal-kawża.

It-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta tirrigwarda l-*lis alibi pendens,* imma limitatament fir-rigward tat-talba sabiex jitneħħew it-tank ta' l-ilma u ċ-ċilindru tal-gass tas-soċjeta' konvenuta minn fuq il-bejt tal-appartamenti in kwistjoni. Dan għaliex kienet saret talba simili f'kawża oħra li, dakinhar li ġiet intavolata l-kawża preżenti, kienet

---

[1] Dok. A a fol. 22 tal-process .
[2] Dok. E a fol. 26 .
[3] Dok. C a fol. 24 .
[4] Dok. D a fol. 25 .

għadha pendenti[5]. Skond il-liġi, l-effett ta' tali eċċezzjoni jkun illi t-tieni kawża tintbagħat quddiem il-Qorti li tkun qed tisma' l-kawża l-oħra[6]. Fil-fatt dawn iż-żewġ kawżi kienu qed jinstemgħu minn din il-Qorti kif ippreseduta, u fi kwalunkwe każ il-kawża l-oħra llum tinsab deċiża b'mod finali, u fiha ġie deċiż illi s-soċjeta' konvenuta kellha dritt tpoġġi kemm tank ta' l-ilma, kif ukoll ċilindru tal-gass fuq il-bejt ta' dan il-blokk ta' appartamenti, in eżerċizzju tad-dritt tagħha li tagħmel użu raġonevoli minn dan il-bejt[7].

Fil-mertu mbagħad s-soċjeta' konvenuta qed tikkontendi illi:

1. teżisti ġurisprudenza fis-sens illi ix-*shaft* jew bitħa nterna fi blokk ta' appartamenti għandu jitqies bħala parti ntegrali mill-flat f'dak il-livell, u għalhekk kull ma sar f'dak il-livell huwa in konformita' mad-drittijiet leġittimi tal-proprjetarju ta' dak il-flat;

*2.* kwantu għall-*pipes* li jinżlu iżjed 'l isfel mil-livell tal-flat, dan sar għax is-sistema ġiet hekk imfassla mis-sid oriġinali u għalhekk ġiet krejata f'dan ir-rigward servitu' *per destinazione di pater familias;*

3. il-veranda saret minn sid preċedenti tal-*flat* tagħha, ħafna snin qabel u qatt ma kien hemm ebda oġġezzjoni dwarha mill-atturi.

Is-soċjeta' konvenuta rreferiet ukoll għall-eċċezzjonijet li kienet tat dwar it-tank ta' l-ilma u ċ-ċilindru tal-gass fil-kawża konnessa,[8] imma peress illi l-kwistjoni f'dan ir-rigward ġiet solvuta fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell f'dik il-kawża, kif ġia ngħad, żgur li sa fejn it-talba tirrigwarda t-tneħħija ta' dawn l-oġġetti, din ma tistax tintlaqa'.

---

[5] Kawża fl-istess ismijiet, ċitaz. Nru. 161/1997 dakinhar pendenti quddiem din il-Qorti wkoll .

[6] art. 792 tal-kap 12 .

[7] ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet : J.Spiteri et. vs Popeye Investmet Ltd. et. deċiża fit-3 ta' Novembru 2006, u li kopja tagħha ġiet esebita mis-soċjeta' konvenuta fl-atti tal-kawża preżenti permezz ta' Nota ta' l-24.11.2006 a fol. 146 -161 tal-process .

[8] citaz. 161/1997 ġia ċċitata .

Jirriżulta mir-relazzjoni peritali ta' l-espert tekniku illi x-xogħlijiet l-oħra li minnhom l-atturi qed jilmentaw jikkonsistu fis-segwenti:

1. estensjoni tal-*pipe* ta' l-ilma mis-socjeta' konvenuta fil-bitħa nterna;

2. *pipe* tal-gass mal-ħajt tal-bitħa nterna mqiegħed mis-soċjeta' konvenuta;

3. il-kostruzzjoni ta' gallarija (veranda) fuq in-naħa ta' wara tal-*flat* tas-soċjeta' konvenuta, filata aktar baxxa mill-bejt ta' l-apartament ta' taħtu li huwa proprjeta' ta' l-atturi; u

4. it-tkabbir vertikalment ta' tieqa fil-flat tas-soċjeta' konvenuta u li tagħti għall-bitħa nterna tal-blokk[9].

Ġialadarba ġie deċiż illi s-soċjeta' konvenuta kellha dritt tinstalla tank ta' l-ilma u anke tpoġġi ċilindru tal-gass fuq il-bejt ta' l-appartamenti, bħala parti mill-użu leġittimu tagħha ta' dan il-bejt,[10] l-istess għandu jkollha dritt twaħħal il-pajpijiet meħtieġa biex twassal l-ilma u l-gass minn fuq il-bejt għal ġewwa l-appartament tagħha. Altrimenti ma jkunx jista' jingħad illi verament qed tagħmel użu minn dawn is-servizzi. Għalhekk kwalunkwe oġġezzjoni f'dan ir-rigward ma tistax tkun ġustifikata.

Il-veranda msemmija f'din il-kawża rriżulata illi kienet saret minn ċerta Lorna Machell, ftit wara li kienet oriġinarjament akkwistat l-appartament illum tas-soċjeta' konvenuta, mingħand l-atturi fis-sena 1973. Skond l-attur ix-xogħol kien sar bejn Jannar u Frar tas-sena 1975. Għalkemm ma kienx taha l-kunsens tiegħu sabiex issir din il-veranda, huwa ma oġġezzjonax għaliha, peress illi din ma kienitx iddejqu għax ma kienitx toqgħod hemm is-sena kollha. Imma issa li kienu nbidlu s-sidien u kien qed joqrob iż-żmien għall-preskrizzjoni, l-attur ma riedx jitlef il-jeddijiet

[9] ara rapport peritali a fol. 32 .

[10] ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawża ċitaz. 161/1997 ġia msemmija .

tiegħu[11]. Irriżulta, sew mir-rapport peritali ta' l-A.I.C. Mizzi, kif ukoll mid-depożizzjoni tal-perit Dimech, prodott mill-atturi,[12] illi din il-veranda saret f'livell ta' filata iżjed baxxa mill-art tal-appartament tas-soċjeta' konvenuta, u għalhekk ġiet illi qed tinvadi l-arja ta' l-appartament ta' taħtu li huwa proprjeta' ta' l-atturi. Billi din il-kawża ġiet intavolata qabel ma laħqu għaddew it-tletin (30) sena għall-preskrizzjoni applikabbli f'każ bħal dan, jiġi li l-atturi għandhom raġun fit-talba tagħhom għat-tneħħija ta' din il-veranda, minkejja illi għal snin twal ma kienux oġġezzjonaw għaliha. Infatti s-sentenza ċċitata mis-soċjeta' konvenuta, kemm fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha, kif ukoll fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet responsiva, ġiet revokata mill-Qorti ta' l-Appell, proprju għaliex bħal fil-każ in eżami, u f'ċirkostanzi pjuttost simili fejn ma kienx hemm oġġezzjoni għal ftuħ ta' apertura għal tul ta' żmien, l-atturi xorta waħda setgħu jaġixxu, billi ma kienx għadu skada ż-żmien tal-preskrizzjoni[13].

Jibqa' biss sabiex jiġi stabilit jekk is-soċjeta' konvenuta tistax tiġi obbligata terġa' ċċekken it-tieqa li għandha tagħti għal fuq il-bitħa nterna. Din, kif stabilixxa l-perit tekniku, tkabbret vertikalment l-isfel b'żewġ filati[14]. Is-soċjeta' attriċi tikkontendi illi teżisti ġurisprudenza favur tagħha fis-sens illi fejn għandek żewġ fondi jew iżjed sovvrapposti għal xulxin, il-bitħa nterna għandha titqies komuni u għalhekk m'għandu jkun hemm ebda ostakolu illi sid ta' appartament f'livell ogħla jiftaħ jew ikabbar twieqi għal fuq din il-bitħa nterna[15]. Hija tiċċita wkoll a favur tagħha s-sentenza fil-kawża "Margaret Scicluna vs Emanuel Camilleri" fejn il-Qorti argumentat illi:

"*Meta l-konvenut xtara l-air space … over the ground floor tenement, huwa xtara l-arja fuq il-fond kollu, ċioe' mill-bieb ta' barra sa ġewwa nett, ċioe' sal-ħajt tal-bitħa li jiddividih minn proprjeta' oħra retroposta. Mela, kif sewwa qal il-konvenut, huwa fetaħ fuq arja tiegħu u ma kkostitwixxa*

---

[11] ara affidavit ta' l-attur a fol.19 – 21 .
[12] ara relazzjoni tal-perit Mizzi a fol. 32; pjanta ta' l-istess perit a fol. 55 u depożizzjoni ta' l-A.I.C. Dimech a fol. 49 .
[13] Appell fil-kawża : J. Grech vs Dolores Ellis et. : 29.10.04 .
[14] ara rapport a fol. 32 .
[15] Kummerc : Giovanni Gauci et. vs Francesco Saliba : 24.7.1965 .

*ebda servitu' kif allegaw l-atturi, għaliex servitu' tfisser dritt fuq proprjeta' ta' ħaddiehor.*" [16]

B'hekk qed tgħid ukoll illi l-arja ta' fuq din il-bitħa, fil-livell ta' l-appartament tagħha, tappartjeni lilha u tista' tiftaħ aperturi kemm trid għal fuqha.
Fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom pero' l-atturi jiċċitaw bosta sentenza oħra, ferm aktar reċenti fis-sens proprju l-kuntrarju, fejn ġie adottat il-prinċipju tal-**vertical ownership.**[17] Hekk per eżempju fil-kawża: "Leonard Gallo et vs Maja Brown et.", ġie osservat illi:

"*Fir-rigward ta' ftuħ ta' twieqi fuq btieħi ta' ħaddiehor, … hi timxi fuq il-preżunzjoni stabilita fl-artikolu 323 tal-kodiċi ċivili. Għalkemm huwa minnu li, f'għadd ta' kawżi, tqanqlet il-kwistjoni spinuża ta' proprjetajiet ta' sidien differenti li jkunu fuq xulxin, xorta waħda jista' jingħad li din il-preżunzjoni għadha meqjusa bħala punt ta' tluq. It-tneħħija ta' tali preżunzjoni trid tiġi ppruvata kif imiss. Ingħad ukoll li s-sid ta' bitħa nterna għandu l-proprjeta' tal-arja ta' dik il-bitħa, u li għalhekk il-ftuħ ta' kull tieqa minn sid ta' xi beni sovrastanti li ma jkunx sar bi qbil ma' sid il-bitħa jew li ma jkunx ingħata espressament fit-titolu tal-akkwist, jikkostitwixxi servitu*'.[18]

It-tieqa pre-eżistenti li kienet tagħti għal fuq il-bitħa nterna tal-blokk, naturalment kienet servitu' a favur ta' l-appartament tas-soċjeta' konvenuta, imma dan is-servitu' ma setgħax isir aktar gravuż mingħajr il-kunsens ta' sid il-bitħa, f'dan il-każ l-atturi. Is-soċjeta' konvenuta tippretendi illi għandha l-arja ta' fuq il-bitħa bejn il-livelli ta' l-appartament tagħha, imma kuntrarjament għall-każ: Scicluna vs Camilleri, ċċitat a favur tagħha, fil-każ tagħna ma jirriżultax illi nbiegħet ebda arja, imma sempliċement *flat* ġia kostruwit u identifikat. Fi kwalunkwe każ pero', żgur li ma jistgħax jingħad illi l-arja f'dan il-livell tappartjeni esklużivament lis-soċjeta' konvenuta, u dan għaliex

[16] Prim'Awla : 2.3.1984; kollez vol. LXVII. iii. 40; ara wkoll fl-istess sens : Prim'Awla: Angelo Galea vs John Micallef : 15.1.1971 .
[17] art. 323 tal-kap . 16 .
[18] Prim'Awla 18.11.2004; ara wkoll fl-istess sens : Prim'Awla : Herman Magro et vs Mark Anthony Borg et. : 23.1.2004; Appell : Gauci vs Saliba : 1.8.1966, u Appell : Apap vs Galea : 24.3.1975 .

jirriżulta mix-xhieda ta' l-attur,[19] illi huwa kien biegħ lill-imsemmija Lorna Machell, wieħed mill-*flats* li kellu fit-tieni sular, u għalhekk dejjem jibqa' appartament ieħor f'dan il-livell li jista jirreklama li għandu sehem ukoll minn din l-arja. It-talba attriċi f'dan ir-rigward tirriżulta għalhekk ġustifikata wkoll.
Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attriċi fir-rigward tal-veranda u t-tieqa msemmija fiċ-ċitazzjoni, u:

1. tiddikjara illi l-bini ta' veranda u t-tkabbir ta' tieqa jagħtu għal fuq il-btieħi nterni tal-blokk ta' appartamenti li dak tas-soċjeta' konvenuta jifforma parti minnu, saru abbużivament u bi ksur tad-drittijiet ta' l-atturi; u konsegwentement

2. tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex fi żmien tliet xhur mil-lum tneħħi din il-veranda u terġa' ċċekken din it-tieqa ghad-daqs oriġinali tagħha, billi jitnaqqsulha żewġ filati minn isfel, u fin-nuqqas tawtorizza lil-atturi sabiex jagħmlu dan a spejjeż tas-soċjeta' konvenuta u taħt id-direzzjoni ta' l-A.I.C. Jospeh Mizzi li qed jerġa' jiġi nominat għal dan il-fini.

Tiċħad pero' l-istess talbiet fir-rigward tal-ħwejjeġ l-oħra msemmija fiċ-ċitazzjoni, billi mhux il-każ.

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, għandhom jiġu ssoportati kwantu għal żewġ terzi (2/3) mis-soċjeta' konvenuta u terz (1/3) mill-atturi stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[19] ara affidavit tiegħu a fol. 19 .